# *Apprezzament tal-Kwadru Titulari ta' San Lawrenz*

*Robert L. Grech*



1.

Giuseppe Calì
*San Lawrenz fil-glorja*
Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz, Għawdex
Żejt fuq it-tila
Titular, 263x167ċm
1889

*Robert ippreżenta dan l-apprezzament bħala* assigment, *parti mill-kors tiegħu tal-Baċellerat tal-Arti fl-Istorja tal-Arti fl-Università ta' Malta, fis-27 ta' Ġunju 2013. Dan l-artiklu ġie miġjub għall-Malti minn Dr Alfred Grech.*

Din il-pittura hija l-ewwel pittura li saret, minn sett ta' ħamsa, biex isebbħu l-knisja ta' San Lawrenz, f'Għawdex, li kienet għadha kemm inbniet. Hija waħda mill-ewwel pitturi li introduċew lill-magħruf pittur Malti Giuseppe Calì fil-gżira ta' Għawdex.[1]

Il-pittura kienet ordnata mill-Arċipriet tal-Għarb ta' dak iż-żmien, ir-Reverendu Francesco Saverio Debrincat, fis-sena 1889. Calì pinġa lil San Lawrenza fil-glorja tiegħu. Jirriżulta mill-Arkivji tal-Parroċċa li din il-pittura ġiet meqjusa bħala suċċess kbir meta tqiegħdet f'postha fit-23 ta' Ġunju 1889.[2] Il-pittura ġiet tiswa £25 (ħamsa u għoxrin lira sterlina) li ħallashom ċertu Lorenzo Camenzuli, negozjant mill-Għarb, li għex u miet Malta. Billi l-pittura ntgħoġbot ħafna, l-Arċipriet Debrincat ħallas lira sterlina aktar bħala rigal lill-pittur.[3] Bosta kritiċi tal-arti jaċċettaw bħala fatt li dan in-notament fl-Arkivju tal-Parroċċa huwa l-unika prova tal-ħlas ta' din il-pittura. Iżda l-awtur sottoskritt irnexxielu jsib fonti oħra ta' dan il-pagament, fil-manuskritt tal-ħlasijiet li saru għall-bini tal-knisja parrokkjali, għalkemm l-ammont eżatt ma jissemmiex.[4] Dan allura aktarx li jfisser li l-irċevuti oriġinali kienu jeżistu fl-Arkivju Parrokkjali, u li l-ewwel Kappillan, Dun Salvatore Portelli, ġab l-informazzjoni u seta' jagħti l-figuri eżatti, imma jidher li dawn l-irċevuti issa ntilfu.

Il-kompożizzjoni tal-pittura (fig. 1) hija ta' forma vertikali, u l-figura ta' San Lawrenz hija l-parti ċentrali. Il-figura ddur għal ftit *contra opposto* bil-qaddis rasu milwija xi ftit lejn ix-xellug fejn hemm grupp ta' puttini, u jħares imġenneb 'il barra mit-tila, presumibbilment lejn is-sema. Il-poża ftit u xejn mgħawġa tal-qaddis tinħakem mill-puttini jittajru u b'hekk jinħoloq effett ċirkolari fil-kompożizzjoni, fil-parti ta' fuq tal-pittura. Dan il-moviment ċirkolari jkompli jaqbel perfettament mal-ftuħ li jidher fis-sema minħabba d-dawl li jidher ħiereġ, propju biex jenfasizza l-mument tal-glorja tal-qaddis, li huwa l-martirju.

Il-pittura hija xempju tal-virtwożità tal-pittur f'dik li hija kompożizzjoini, u hija waħda mill-aħjar fost dawk bl-istess suġġett li pinġa Calì. Fil-fatt verżjonijiet oħrajn ta' San Lawrenz impinġija mill-Calì nsibuhom fil-knisja tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema, fil-knisja parrokkjali tal-Furjana u fil-knisja ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta. Din tal-aħħar hija kważi identika f'dik li hija kompożizzjoni.[5] Mill-banda l-oħra fis-*San Lawrenz* li hemm fil-knisja tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema, il-pittur jenfasizza l-ilbies sabiħ li jilbes il-qaddis djaknu[6] li jidher qed iħejji għall-martirju tiegħu;[7] minflok, imma, fil-każ tagħna hu jidher fil-glorja tiegħu. Mill-banda l-oħra, *L-Apoteożi ta' San Lawrenz* (1898), li tinsab il-Birgu, għandha kompożizzjoni differenti u aktar qawwija.

Meta spiċċa jpinġi t-titular ta' San Lawrenz, f'San Lawrenz, Għawdex, Calì kien diġà daħal fit-tieni fażi tal-arti tiegħu, li kienet mimlija kulur griż, fl-iskema kromatika,[8] imma b'aktar ħlewwa fit-ton u fil-kulur. Dan huwa ċertament evidenti fil-każ tagħna, fin-nofs ta' isfel tal-pittura. Hawnhekk wieħed jiftakar fil-ġlieda li kellu Calì biex isir magħruf, meta s-suq Malti tal-pittura kien iddominat minn influss ta' artisti Taljani li x-xogħol tagħhom kien aktar apprezzat minn uħud mill-personalitajiet l-aktar influwenti tal-Knisja, minħabba l-fatt li dawn x'aktarx dejjem kienu jippreferu dak kollu li hu Taljan, hu x'inhu.[9] Meta mietu l-aħwa Giuseppe[10] u Vincenzo Hyzler, u Pietro Paolo Caruana,[11] kien hawn faqar kbir fil-produzzjoni artistika, fl-aħħar parti ta' nofs il-bidu tas-seklu dsatax. Dakinhar ma kienx hawn personalità artistika prominenti,[12] tant li l-patruni tal-arti f'Malta fittxew artisti Taljani, u din saret il-moda ta' dak iż-żmien.[13] Iżda żmien Calì kien żmien ta' tqanqil reliġjuż u devozzjonali, u Calì rnexxielu jmiss qalb id-devoti. Irnexxielu jgħaqqad flimkien il-prinċipji morelljani u veristi, flimkien ma' doża tajba ta' neo-barokk, li kienu r-riċetta perfetta għas-suċċess tiegħu bħala pittur tal-knejjes.[14]

Is-suċċess fil-pittura tiegħu jidher ukoll mill-fatt li l-istatwa li tingarr fil-purċissjoni ġiet immudellata bejn wieħed u ieħor fuq it-titular ta' San Lawrenz (fig. 2). Din l-istatwa kienet ġiet



2.




3.




4.

ordnata minn Marsilja mingħand id-ditta *Ramat Statuaire* fis-sena 1895.[15] Huwa magħruf li l-oriġinal li kien ġie propost (fig. 3) mid-ditta fuq imsemmija ma kienx ġie aċċettat, iżda l-Kappillan Dun Salv Portelli ssuġġerixxa lill-imsemmija ditta mudell simili ħafna għat-titular, għaliex din kienet ix-xbieha li l-parruċċani ta' San Lawrenz kienu mdorrijin biha. Ittieħed ritratt tat-titular u ntbagħat lid-ditta msemmija (fig. 4).[16] Fil-fatt wieħed jista' jara x-xebh kbir li hemm bejn it-titular u l-istatwa fl-immudellar tat-tuniċella ta' San Lawrenz, fir-ras kemxejn immejla, u fil-mod kif inhi mqiegħda l-gradilja.

Minn meta tlestiet, il-pittura dejjem baqgħet fil-knisja u ma tħarrkitx minn hemm. Meta wieħed jikkunsidra d-daqs tal-pittura, li mhix ħafna ikbar mill-pitturi tal-altari tal-ġenb, wieħed jara li l-proporzjon mhuwiex xi wieħed perfett. Imma hawnhekk wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li meta saret il-pittura, il-knisja kienet fil-fatt iċken milli hi llum. Il-knisja l-qadima kienet iżgħar milli hi llum, qabel ma tkabbret fuq pjanta tal-Perit Ġużè D'Amato, li żiedet il-Kor u l-kappelluni. Għalhekk id-distanza ta' minn fejn wieħed jista' jħares lejn il-kwadru titulari issa żdiedet b'terz ta' dik li fil-fatt kienet intiża fil-bidu, fiż-żmien meta sar l-inkwadru. Għalhekk illum, meta wieħed jidħol il-knisja u jħares minn ħdejn il-bieb il-kbir, id-daqqa t'għajn tmur lejn iċ-ċentru aktar milli lejn in-naħa ta' isfel tal-kwadru, kif kellu f'moħħu l-pittur meta pittirha. Il-kwadru tilef ukoll xi ftit mill-apprezzament tiegħu minħabba d-distanza itwal minn fejn wieħed jista' jikkunsidrah illum, u biex wieħed jista' tassew japprezza l-kwadru jrid jersaq biex jarah mill-qrib.

Dan l-aħħar it-titular għadda minn proċess ta' konservazzjoni, għaliex kien qed jassorbi l-umdità. Billi l-klima tinbidel, id-diversi strati ta' żebgħa x'aktar jespandu u jikkontrattaw, u b'hekk jiffurmaw ċertu qsim, li huwa tipiku ta' pittura li tkun qiegħda fi knisja. Hemm ukoll xi qsim li huwa r-riżultat tal-mod ta' kif l-artist kien jesperimenta bil-kuluri differenti fix-xogħol tiegħu u għaliex, minħabba l-għaġla, ma kienx iħalli żmien biżżejjed jgħaddi biex iż-żebgħa tilħaq tinxef bejn saff u ieħor tagħha. Jingħad ukoll li matul iż-żmien kienet inġabret kwantità ta' għabra, flimkien ma' ġmied tax-xemgħa, u għalhekk wieħed ma kienx għadu jista' japprezza sew il-kuluri veri tal-kwadru.[17] Għalhekk ġiet applikata lega, intiża biex tippreserva, fuq in-naħa ta' wara tat-tila biex tillimita l-ammont ta' umdità li tista' tiġi assorbita. Iktar minn hekk, ġie introdott dak li jissejjaħ *"strip lining support"* fit-truf tal-pittura biex jagħti aktar saħħa.[18] Il-qsim imtela billi ntuża l-*Gesso di Bologna*, li ġie miksi bir-*retouching varnish* biex ikun jista' jsir l-irtokk. Imbagħad ingħataw żewġ passati verniċ, li huwa *non yellowing*, biex jissiġilla l-irtokki u jipproteġi l-wiċċ tal-pittura.[19] B'dan il-mod il-kuluri vivaċi u l-kompożizzjoni qawwija jistgħu jerġgħu jiġu apprezzati. ■

---

1 Informazzjoni mogħtija fuq il-post waqt studju u taħdita mogħtija minn Mark Sagona M.A. li kienet iġġib l-isem *On the Trail of Giuseppe Calì*, parti mill-*Festival Mediterranea*, li saret fl-10 ta' Novembru 2012.

2 *Chronicon*, p. 3.

3 Ibid. Ta' min jgħid ukoll li huwa soltu li dak li jkun, iħallas għall-pittura tal-qaddis li jġib l-isem tiegħu, bħalma ġara f'dan il-każ.

4 *Libro Della Fabbrica*, p. 34. Il-manuskritt jaqra hekk: *"Il quadro principale S. Lorenzo, che depingerà il maestro, fatto dal Sig. Giuseppe Calì, è pagato dal sig. Negoziante Lorenzo Camenzuli nato qui nel Garbo e residente a Valletta Stada Mercanti, fu collocato il di 23 Giugno 1889"*.

5 Fiorentino Emmanuel–Grasso Louis A., *Giuseppe Calì (1846-1930)*, Malta 1991, p. 14 *in calce*.

6 Ibid, p. 24.

7 Ibid, p. 23.

8 Bonnici Calì R., *G. Centenary Exhibition 1846-1946*, Valletta 1946, p. 13.

9 Sagona Mark, *Giuseppe Calì's Largest Canvas and the Ceiling Decoration of St Francis Church, Valletta*, f'*Treasures of Malta*, Vol. xvii, No. 49 (Christmas), p. 27. Fil-fatt kien il-Kan. Paolo Pullicino li kien responsabbli mill-introduzzjoni hawn Malta tal-pittur Taljan Pietro Gagliardi, li kien influwenti ferm fuq Calì, li wasal biex saħansitra addotta l-istil tiegħu.

10 Attard Christian, *An Italian Presence in the Nineteenth and Twentieth Century Malta – 1850-1960*, M.A. History of Art Thesis, University of Malta 1999, p. 14, mhix ippubblikata.

11 Espinosa Rodriguez Anthony, *The Nazareen Movement and its impact on Maltese Nineteenth Century Art*, M.A. History of Art Thesis, University of Malta 1997, p. 116, mhix ippubblikata.

12 Sciberras Keith, *Lazzaro Pisani as an Ecclesiastical Artist*, B.Ed (Hons) Thesis, University of Malta 1992, p. 5.

13 Espinosa Rodriguez, *Painting At the Cathedral Museum, Mdina*, Malta 2005, p. 77. L-ewwel kummissjoni li ngħatat lill-artist barrani kienet il-pittura tal-koppla tal-Katidral tal-Imdina, minn Giovanni Gallucci. Artisti Taljani oħra kienu Pietro Gagliardi, Francesco Grandi u Domenico Bruschi.

14 Sagona, 2010, p. 27.

15 Bezzina Joseph, *Parish Titular Statues in Gozo*, Malta 1987, p. 23.

16 Informazzjoni li ta verbalment il-pittur Għawdxi Pawlu Camilleri Cauchi.

17 Arkivji tal-Parroċċa ta' San Lawrenz, dokument li jġib l-isem *Conservation and restoration report of the five canvas paintings by Giuseppe Calì found at St Lawrence Parish Church Gozo*, August 2011, p. 4.

18 Ibid, p. 18.

19 Ibid, p. 9.